MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 72/2007

**A B C, f' isimha proprju**
**u f' isem binha l-minuri D**
**vs**
**EC**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) fil-Knisja Parrokkjali ta' San Sebastjan, Hal Qormi, u dan kif jirrizulta minn Dok. A.

Illi miz-zwieg taghhom twieled minuri bl-isem ta' D, liema minuri twieled fit-tmienja (8) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u dan kif jirrizulta minn Dok. B.

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Illi in oltre, il-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u dan kif jirrizulta mill-anness dokument markat Dok. C.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu l-attrici, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, oltre dan, minhabba illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibli minhabba inkompatibilita' ta' karattru, u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici u lil minuri D manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta' l-istess attrici u lil minuri u l-mezzi tal-konvenut, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi wkoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor tal-konvenut.

3. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b' dan illi jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta' l-attrici u dan minn data illi tigi sstabbilita minn din il-Qorti

bhala d-data meta l-konvenut ikun ta lok illi ssir din is-separazzjoni.

4. Taffida lill-attrici bil-kura u l-kustodja tal-minuri D.

5. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b’ opera ta’ perit nominand.

6. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali.

7. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

8. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, l-oggetti parafernali taghha inkluz flus, stocks, shares, deheb u hagar prezzjuz, u fin-nuqqas tikkundannah ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta’ perit nominand.

9. Tordna lill-attrici u binha illi jghixu esklussivament fid-dar konjugali u cioe’ entratura A, appartament numru hamsa (5), Triq Guze’ Ellul Mercer, Swatar, Msida.

10. Tawtorizza lill-attrici illi jirregistra fir-Registru Pubbliku ta’ Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba l-karattru tal-attrici, li mill-bidu taz-zwieg dehret li ma kinitx lesta li tassumi l-ebda obbligu taz-zwieg, u ghalhekk iz-zwieg tkisser ukoll minhabba mohqrija, eccessi u ingurji gravi da parti tal-attrici, u certament ma tkissirx minhabba xi adulterju tal-konvenut, stante li l-attrici stess ghandha relazzjoni.

2. Illi l-attrici tahdem u ghandha l-possibilita’ li tahdem.

3. Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri m’ ghandhiex tigi disturbata minn kif inhi llum, peress li l-konvenut dedikat bl-aktar mod assolut kif jista’ jixhed it-tifel.

4. Illi r-rikors huwa ritwali dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti peress li l-Qorti hija invitata li taqsam u ma hemm l-ebda talba ghall-assenjazzjoni.

5. Illi l-attrici m’ ghandhiex tinqeda bit-tifel biex tikkapparra d-dar, u dan ghar-raguni li hija dejjem kienet lesta li d-dar tinbiegh, pero’ riedet li jkollha sehem akbar fir-rikavat.

Rat ir-rapport ta’ l-Avukat tat-Tfal;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut fit-termini ta’ l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jichad li z-zwieg tkisser tort tieghu, u jsostni li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort ta’ l-attrici fit-termini ta’ l-artikolu 40 fuq citat, kif ukoll *“stante li l-attrici stess ghandha relazzjoni.”*

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-26 ta’ Settembru 1998, u minn dan iz-zwieg ghandhom it-tifel D, li twieled fit-8 ta’ Awwissu 1999.

L-attrici tghid li l-inwkiet matrimonjali beda wara hames snin fil-konvivenza, meta l-partijiet dahhlu computer ghat-tifel, u l-konvenut dahhal l-internet. Kien f' dan iz-zmien li r-relazzjoni ta' bejniethom bdiet tmur lura minhabba l-komportament tal-konvenut, u fis-sena 2005 hi skopriet li zewgha kien qed jiffrekwenta nisa ohra, u wara, skopriet ukoll li kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma' zewg nisa separatament. Tghid ukoll li, fiz-zwieg, kienet hi li kienet tfittex lil zewgha ghal relazzjonijiet intimi.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid li r-relazzjoni ta' bejniethom *"qatt ma kienet soda jew tajba";* u li l-partijiet kienu jiggieldu ta' spiss. Jghid li r-relazzjonijiet intimi kienu hziena u nezistenti, filwaqt li hu kien ihossu mwarrab u mhux mahbub minn martu. "*Tant kienu hzienu l-affarijiet bejnietna li anke konna norqdu fi kmamar separati. Dan kien wara xi snin taz-zwieg meta ma flahtx nissaporti izjed."* [fol.108].

Il-genituri tal-konvenut, ikkonfermaw li fis-sena 2003 kienu ndunaw li kien hemm xi haga hazina fir-relazzjonijiet matrimonjali bejn il-partijiet, u missier il-konvenut ikkonferma li fis-sena 2008 circa, l-konvenut kien jiffrekwenta lil certu Fiona, u *"qabel Fiona kien hemm mara ohra li jisimha Romina."* [Vol.2 fol.306].

Illi l-Qorti hija tal-fehema li jirrizulta provat li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenut li wara hames snin ta' zwieg beda jiffrekwenta nisa ohra, u anke dahal f' relazzjonijiet extra-matrimonjali. Illi, ghalkemm huwa jipprova jiggustifika l-komportament tieghu, bl-allegazzjoni li martu kienet bierdet minnu u kienet warrbitu, il-provi f' dan ir-rigward huma kontrastanti, u ma jwasslux ghall-prova sodisfacenti li l-adulterju tieghu kien konsegwenzjali, izda piuttost, fuq bazi ta' verosimiljanza, juru li l-komportament ta' martu kien konsegwenzjali ghall-komportament ta' zewgha. Hija tghid li fiz-zwieg zewgha ma kienx ifittixha ghar-relazzjonijiet intimi, filwaqt li kien jikkominika ma' nisa ohra fuq l-internet.

Il-Qorti tosserva ulterjorment li, anke jekk dato non concesso, kien hemm problema ta' komunikazzjoni fiz-

zwieg, u riluttanza ta' parti li tkompli fil-hajja konjugali, il-konvenut messu fittex l-ghajnuna professjonali, u mhux, jivvola l-obbligu tal-fedelta' fiz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m'ghadhdiex aktar possibbli, u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenut fit-termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap.16, liema tort jattira ex lege s-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 ta' l-istess kap, u dan mill-1 ta' Jannar 2006. Inoltre, jigi osservat li, anke l-allegazzjoni kontenuta fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, fis-sens li l-attrici ghandha relazzjoni, hija fiha nnifisha, in mankanza ta' sosteniment fil-provi, ingurjuza, u tikkostitwixxi ngura gravi fit-termini ta' l-artikolu 40 ta' l-istess Kap.

**Kura u Kustodja**

Illi fl-ahjar interess tat-tifel, li llum ghandu 10 snin, il-Qorti tordna li l-kura u kustodja tieghu tibqa' kongunta bejn il-partijiet, b' dan li t-tifel jibqa' jghix ma' l-omm, filwaqt li l-missier ikollu access liberu u ampju kif qed jigi ezercitat fil-prezent skond ir-rapport ta' l-Avukat tat-Tfal prezentat fis-26 ta' April 2010 [fol.342].

Il-Qorti tosserva li, gjaldaraba l-minuri huwa kuntent bil-modalita' ta' l-access kif qed jigi ezercitat fil-prezent, u gjaldarba l-Qorti thoss li dan l-access ampju favur il-missier huwa ta' beneficju ghall-istess minuri, allura tordna li jinzamm l-istatus quo f' dan ir-rigward.

Illi pero' il-Qorti tordna li, sakemm it-tifel jaghlaq l-erbatax-il sena huwa m' ghandux ikun espost ghall-prezenza ta' terzi tas-sess oppost.

**Manteniment**

*Mara*

Illi peress li jirrizulta li l-attrici ghandha mpjeg, u di fatti ilha ghal zmien twil anke tul il-hajja konjugali, tahdem barra mid-dar, din il-Qorti mhijex ser tikkomputa manteniment ghaliha; izda tafferma li l-konvenut, bhala l-parti hatja

ghas-separazzjoni, ghandu jhallas manteniment lill-attrici kemm-il darba din, involontarjament, tisfa bla ntrojtu bizzejjed ghal ghejxien taghha.

*Minuri*
Illi rigward il-minuri, il-Qorti tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ghat-tifel minuri, s-somma ta' €300 kull xahar, oltre nofs l-ispejjez edukattivi, u dawk medici li jkunu ta' natura straordinarja. Dan il-manteniment ghandu jizdied kull sena skont l-indici ufficjali ta' l-gholi tal-hajja, u jibqa' jithallas lill-attrici, direttament mill-paga tal-konvenut, sakemm il-minuri jghalaq it-tmintax-il sena.

Illi inoltre, permezz tal-gudizzju odjern il-konvenut qed jigi ordnat li jhallas lill-attrici l-manteniment kollu li ghadu dovut sa llum mit-30 ta' April 2010, skond id-digriet moghti fit-18 ta' Settembru 2007.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Illi din tikkonsisti fis-segwenti:

*Attiv*
[1] Id-dar matrimonjali numru 5 Entratura A. Triq Guze Mercer, Swatar limiti ta' l-Imsida, bil-valur ta' circa €128,000;
[2] L-effetti mobbli kollha ezistenti fl-imsemmi fond;
[3] Il-vettura Toyota;
[4] Depoziti Bankarji lokali;

*Passiv*
[5] Home loan, Car loan u Life Insurance.

*Kreditu*
Illi, kif jirrizulta anke mix-xhieda tal-konvenut [fol.194] dan waqaf jirrifondi lill-attrici nofs il-pagamenti li kienu johorgu mill-paga taghha biex jithallsu l-loan tad-dar, ta' l-insurance u tal-karrozza; u dan mill-1 ta' Ottubru 2007.

Ghalhekk, tenut kont tad-dekadenza applikata fil-konfront tal-konvenut sa mill-1 ta' Jannar 2006, l-attrici hija kreditrici tal-komunjoni fl-ammont komplessiv

rapprezentanti il-pagament kollha li hi ghamlet dwar l-imsemmija loans, mill-1 ta’ Ottubru 2007; u ghalhekk, minn sehem il-konvenut ghandu jitnaqqas nofs dan l-ammont.

*Assenjazzjoni*
[1] Il-Qorti tordna li l-imsemmi fond, flimkien ma’ l-effetti mobbli ezistenti fih, jigu mibjugha fuq is-suq hieles fi zmien erba’ [4] snin, u fin-nuqqas, jigu mibjugha taht l-awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti, dejjem ghal prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont.

Illi r-rikavat tal-bejgh, wara li jitnaqqas minnu d-dejn kollu gravanti l-istess fond, u wara li jitnaqqsu minnu l-pagamenti kollha li ghamlet l-attrici mill-1 ta’ Ottubru 2007 ‘il quddiem fir-rigward tal-loan tad-dar, tal-insurance u tal-karrozza, u jigi rifuzi lill-istess attrici, il-bilanc tar-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Illi qed jigi ordnat ukoll li l-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali fi zmien xahar, u l-attrici qeda tigi awtorizzata li tibqa’ tghix fid-dar konjugali ad eskluzzjoni tal-konvenut ghal perijodu ta’ erba [4] snin, wara liema perijodu, hi wkoll qed tigi ordnata tivvaka d-dar konjugali;

[2] Il-vettura Toyota qed tigi assenjata fl-intier taghha lill-konvenut li minn naha tieghu qed jigi ordnat jhallas lill-attrici s-somma ta’ €1,000 bhala ekwiparazzjoni;

[3] Id-depoziti bankarji ghandhom jibqghu fuq dik il-parti li fuqha huma ntestati.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa’ l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija esklussiva tal-konvenut;
[2] tilqa’ it-tieni talba limitatament kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[3] tilqa’ it-tielet talba, u tistabbilixxi d-data tal-1 ta’ Jannar 2006 ghall-fini ta’ l-artikolu 48[1][c] tal-Kap.16;
[4] tilqa’ ir-raba’ talba, fit-termini u kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Kura u Kustodja’;

[5] tilqa’ il-hames u s-sitt talba, u xxolji u tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti u tassenjaha kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’;
[6] tilqa’ s-seba talba u tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex jircevi l-att opportun f’ post u hin indikat minnu, u wkoll tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina sabiex tirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

[7] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien talba, stante li ma ngabux provi fir-rigward;

[8] tilqa’ id-disa’ talba, u tordna li l-konvenut jallontana ruhu mid-dar konjugali fi zmien xahar, u tawtorizza lill-attrici li tibqa’ tghix fid-dar konjugali, flimkien mal-minuri, ad eskluzzjoni tal-konvenut ghal perijodu ta’ erba’ [4] snin, wara liema perijodu, hi wkoll qed tigi ordnata tivvaka d-dar konjugali;

[9] tilqa’ l-ghaxar talba.

L-ispejjez kollu jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------